**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru ~~Tnejn~~ Disgħa (9)**

**20 ta' Diċembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fl-16.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor John Curmi- Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Aaron Agius- Viċi Sindku**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ppresjeda l-laqgħa.

## 9.1 Talba

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

## 9.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Viċi Sindku ġie skużat minħabba li huwa nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma kienx irċieva l-imejls mill-Kunsill minħabba li l-imejl tiegħu kien inbidel.

## 9.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 6 u 8 u Skeda ta' Pagamenti Nru 12.

Il-minuti tal-Laqgħa Urġenti Nru 6 u 8 ġew approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali. L-Iskeda ta' pagamenti Nru 12 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

## 9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku ssuġġerixxa li biex ma jerġax ikollna l-problema tad-dwal tal-Milied bħal ma ġara din is-sena, nistgħu noħroġu s-sejħa minn issa u tkopri għal erbgħa snin jew niftehmu mal-għaqdiet, naraw min hu lest li jidħol għaliha. Rigward insurance jittieħed parir legali biex il-Kunsill ma jkollhux liability. Kien hemm qbil li għandna nesplorawha aktar u din il-materja terġa tiġi diskussa f'Jannar.

- Is-Sindku nfurma lill-membri li l-bieraħ, 19ta' Diċembru 2024, is-Sur Ċini infurma lis-Segretarju Eżekuttiv li mhux se jaċċetta l-impjieg, u għalhekk bagħat ittra ta' riżenja. Is-Sur Ċini kien beda xogħol fid-9 ta' Diċembru 2024. L-ittra nqrat mis-Seg. Eżekuttiv fejn fiha irringrazzja lill-Kunsill tal-opportunita' li ngħata. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat l-ammont ta' xogħol b'lura li hemm bżonn fid-dawl tal-limitazzjoni kbira ta' riżorsi umana. F'din iċ-ċirkustanza, s-Seg. Eżekuttiv irrakomandat li jiskatta proċess għall-ingaġġ ta' Assistant Principal fuq bażi full-time. Is-Sindku ssuġġerixxa li nimxu fuq ir-rakkamondazzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv u għalissa l-vakanza ta' skrivan ma tkompliex u b'effett immedjat jibda l-proċess sabiex jiġi ngaġġat impjegat fi grad ta' Assistent Prinċipali.

Ġie spjegat li s-salarju tal-Assistant Principal huwa fi Skala 11 u jkun qed jitħallas mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill jiddikjara li għandu fondi sabiex iħallas is-salarju tal-

uffiċċjal b'mod indefinit. Il-permess għal vakanza ta' Skrivan għandu xorta jinżamm u tittieħed deċizzjoni dwaru aktar il-quddiem. Dan biex il-Kunsill jassigura li l-uffiċċju tal-kunsill jista jibqa jopera u joffri l-aħjar servizz lir-residenti. Kien hemm qbil unanimu sabiex jiskatta l-proċess għall-ingaġġ ta' Assistant Principal b'effett immedjat.

Is-Sindku informa lill-membri li kien hemm ukoll applikazzjoni miftuħa tas-CIES. Wara li konna rċivejna n-notifika bil-lista ta' ismijiet mill-JobPlus, il-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda. Kien hemm qbil li mmexxu bl-interview u l-bord tal-għażla se jkun magħmul minn Dr. Francienne Muscat, Sindku Victor Curmi u l-Kunsilliera Marion Portelli.

Mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat:

- Semmiet li hemm bżonn li ssir pressjoni sabiex isiru triq il-Knisja u Triq it-Tiġrija. Is-Sindku rrimarka li jridu jsiru wkoll is-servizzi tal-Enemalta fl-istess toroq u jsiru flimkien.
- Semmiet li kif talbuna l-Arċipriet u Fr. Michael jkun tajjeb ħafna jekk naraw jistax isir xi exchange maż-żgħażagħ. Se tieħu ħsieb li torganizza l-laqgħat, tinforma lill-membri biex niltaqgħu u naraw x'fondi nistgħu nittepjaw.
- Semmiet li sew il-kors tal-Cookies kif ukoll il-Clean up world kienu success u għalhekk qed terġa tissuġġerixxi li jerġgħu jsiru mal-Years 5 u Years 3.
- Issuġġeriet li ssir talba lill-Maltapost sabiex il-post office tibda tiftaħ ġurnata oħra. Kien hemm qbil ma dan.

Mill-Kunsilliera Marion Portelli:

- Fakkret fil-korsijiet tal-Keep Fit. Kien hemm qbil li nipproċedu bil-korsijiet u noħorġu l-applikazzjonijiet. Se nkunu qed noffru wieħed għal anzjani u ieħor *high intensity* u nippruvaw li jibdew f'Jannar. Kien hemm qbil li jsiru żewġ għalliema differenti, nimxu mal-irħas offerti u jsiru iċ-Ċirklu. Kien hemm qbil li noffru korsijiet oħrajn bħal ma huma tal-mosaic etc..
- Fakkret fil-bżonn li noħorġu l-applikazzjonijiet sabiex noffru l-ebikes lir-residenti. Kien hemm qbil dwar dan.

Mill-Kunsillier Kevin Cutajar

- Talab sabiex inkomplu nippressaw lill-MGP sabiex issir Triq ~~l-Għejjun.~~ Parisott
- Fakkar fil-bżonn li jkun hemm toilet available fil-Playing field. Is-Sindku nforma lill-kamra li l-club tal-futboll qed jirranġaw u se jkun hemm.
- Semma li żamm il-laqgħa mall-pulizija tal-Komunita. Kienu żewġ persuni biss li urew l-interess biex jipparteċipaw. Issuġġerixxa li niktbu lis-Super u nfakkruh li se nispiċċaw mingħajr pulizija.

- Fid-29ta' Jannar se ssir il-laqgħa mal-anzjani, offrew ukoll li ssir talk lit-tfal tal-iskola bid-demonstration b'kollox. Is-Sindku ssuġġerixxa li nitkellmu mas-Surmast tal-iskola.

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li wara l-laqgħa li nżammet mas-Central Economy Malta, ġejna nfurmati li l-Pilot project tal-Smart Bins suppost li beda jaħdem sal-aħħar ta' Diċembru 2024. Bħala proġett ġie jiswa madwar 40K u jekk il-Kunsill irid jirrilokah, jista jagħmel dan a spejjeż tal-Kunsill. CEM diġa għaddew il-fondi lill-Kunsill għas-servizz li jkopru sena pero' l-Kunsill irid imexxi bil-proġett kemm jista jkun malajr. Kien hemm qbil unanimu sabiex jiġi ffirmat l-MOU u nipproċedu bis-sejħa għall-offerti għal dan is-servizz.

Il-Kunsillier Kevin Cutajar irrakomanda li nżiedu klawsola fl-istess MOU dwar min se jkun responsabbli li jżarmhom, f'każ li l-proġett pilota ifalli jew jiġi deċiż li ma jkomplix, u għal spejjeż ta' min. Kien hemm qbil ma dan.

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li hemm numru ta' bins mferrxin mal-lokalita' li huma mkissrin, b'ammont minnhom saħansitra jinsabu bla qieh u għalhekk hemm bżonn li jinbidlu. Kien hemm qbil ma dan.

## 9.5 Attivita' Soċjo-Kulturali – Festa Sant Anton;

Inqrat l-ittra li rċivejna mingħand ir-Rettur, Fr Michael Galea. Il-Kunsill laqa t-talba u kien hemm qbil unanimu sabiex jikkolabora biex tinżamm il-festa ta' Sant Anton Abbati.

Is-Sindku nforma lill-membri li sfortunatament l-applikazzjoni tal-Kunsill għal fondi biex tinżamm attivita' ta' San Valentino ma ġietx milqugħa minħabba li ġiet sottomessa tard. Madanakollu, ntlaħaq qbil illi l-Kunsill għandu jtella attivita' żgħira f'din l-okkażjoni, Kien hemm qbil illi ninvolvu l-għaqdiet tax-Xagħra kollha u naraw min jixtieq joffri s-servizz tiegħu. Il-membri se jgħaddu lista bil-kuntatti tal-NGO's sabiex kulħadd jinżamm infurmat u b'hekk kulħadd ikollu l-istess opportunitajiet. Kien hemm qbil illi xi ħadd jilbes ta' Cupid u jitqassmu ftit roses lil dawk li jkunu qed jiċċelebraw dan l-avveniment fil-Pjazza tax-Xagħra filwaqt li ninvolvu xi bandist jdoqq il-vjolin fil-Pjazza.

## 9.6 Ħruġ u għoti ta' Offerti;

Ġiet ippreżentata l-iskeda ta' kwotazzjonijiet għal xogħol ta' knis madwar il-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu sabiex nimxu mal-aktar offerta vantaġġjuża li hija dik ta' Sultech Ltd u x-xogħol jibda b'effett immedjat. Se ninfurmaw lill-kuntrattur sabiex ix-Xagħra tinqasam f'sezzjonijiet biex il-lokalita' tinżamm nadifa. Is-Seg. Eżekuttiv

fakkret li din hija biss soluzzjoni *short term,* bħala *interim measure* għaliex hemm bżonn li nipproċedu bis-sejħa għall-offerti.

Is-Sindku nfurma lill-membri li illum it-Triq Stellini nksiet biż-żrar. Semma wkoll li se jkun qed jiġbor l-istima għall-aħħar biċċa ta' Triq Karkar.

## 09.7 Qari tal-Korrispondenza

- *Gozo Album Project* – Inizjattiva mis-Sezzjoni tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Kien hemm qbil li nkunu parti minn din l-inizjattiva.

- Talba għall-kollaborazzjoni mal-Kumitat għal Festa ta' Sant Anton li se tittella nhar il-Ħadd, 19ta' Jannar 2025. Kien hemm qbil li l-Kunsill jkopri l-ispejjeż relatati mal-Banda, stampar tal-program li jitqassam f'kull dar, kif ukoll jieħu ħsieb it-tindif li jkun hemm bżonn wara li jsir it-tberik tal-annimali.

- Tweġiba mingħand TM għat-talba tal-Kunsill sabiex issir evalwazzjoni tal-parti tat-triq id-dejqa li hemm fi triq 28ta' April. Infurmati li ġaladarba l-wisa tat-triq huwa biss ta' 4.2m u t-traffiku hu one-way, ma għandux ikun hemm parkeġġ matul din il-parti tat-triq. Qalulna wkoll, illi l-għatba eżistenti li hemm fuq il-bankina ta' din ir-residenza hija illegali minħabba li qeda toħloq periklu għal kull min jimxi fuq il-bankina. Il-Kunsill qed jiġi mitlub jikkunsidra jwessa l-bankina għal 1.3m kif tippermetti l-liġi. Il-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill ma jidħolx f'issues ta' bejn ġirien. Il-Kunsillier Kevin Cutajar talab sabiex din il-materja tiġi sospiża. Kien hemm qbil ma dan.

- Permessi mogħtija mill-Kunsill għal xogħolijiet ta' trenching. Ġie diskuss il-fatt li permess ta' trenching huwa l-aktar irħis, dak ta' €2.33 u ħafna drabi t-triq qed titħalla fi stat diżastruża. Kien hemm qbil li nintroduċu sistema ta' kuntratt u pagament ta' €250, li jerġa jiġi rifondut lura in full, wara li t-triq tkun ċertifikata li tħalliet fl-istess stat li kienet oriġinarjament. B'hekk nassiguraw li t-toroq ma jkomplux jitħallew fi stat ħażin.

- Talba mix-Xagħra Utd Football Club għall-Kollaborazzjoni mal-Kunsill sabiex issir iż-żjara tat-team għal training fis-Serbia. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li talbiet iridu jsiru qabel ma ssir l-attivita'. Għal din id-darba, l-Kunsill qed jaqbel li jikkolabora għal ispejjeż relatati mat-trasport lokali (€377).

- Ittra mingħand residenta f' Kortoll dwar karozza suspettuża li waqfet ħdejn il-Cat Cafe. Il-Pulizija ġew informati. CCTV cameras. Il-Kunsill ħa nota ta' dan. Ġie diskuss l-fatt li l-Kunsill kien qabel sabiex jressaq talba lil LESA għal tibdil fil-proġett, minn Van tal-Kommunita għal CCTV cameras. Kien hemm qbil sabiex immexxu kemm jista jkun malajr dwar dan.

- Korrispondenza mingħand *Malta Foundation for the wellbeing of Society* sabiex isir Local Children's Council f' kull lokalita'. Se tkun qed issir laqgħa fil-gimgħat li ġejjin.

- CIES – Irċivejna applikazzjoni waħda – Din il-materja ġiet diskussa f'punt numru 9.4.

- Ġiet diskussa l-attivita tal-Għid u kien hemm qbil li din tibqa ssir mill-knisja. Kien hemm qbil li napplikaw sabiex tittella attivita' bħal figolli u qassatat, ħelu relatat mal-Għid.

- Attivita' Socjo Kulturali – Festa Sant Anton li se ssir il-Ġimgħa, 17ta' Jannar, tibda b'quddiesa, u tkompli fiċ-Ċirklu.

- Sqaq off Ta' Gojdoru – Kollu ħofor u bla dawl. Qed jgħidu li hu pubbliku. Kien hemm qbil li nitolbu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jivverifika dwar dan.

**9.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-18.00pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 30 ta' Jannar 2025 fil-5.30pm.

Konfermati illum 30 ta' Jannar 2025

**Victor John Curmi**
**Sindku**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**